# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A FILLETTI B.A., LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar 2001**

**Numru 8**
**Citaz. Nru. 1858/95**

**Joseph Pirotta, l-Arkitett u Inginier Civili Godwin A. Borg, Anna Borg, xebba, f'isimha stess u bhala prokuratrici ta' l-imsiefra Susan mart Lewis Zammit, Cecilia, Robert u Thomas ahwa Borg**

**Vs**

**Joseph Zammit u Jeanette Caruana u b'digriet tat-28 ta' Mejju 1996 giet kjamata in kawza s-socjeta` Holiday Estates Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ippremettew:-

Illi l-atturi huma l-legitimi komproprjetarji ta' porzjoni diviza tal-kapcita` superficjali ta' zewgt itmiem, mondello u hames mizuri formanti parti din il-porzjoni diviza tal-klawsura "ta' Ghajn Blad" (sive Blat) bil-konfini indikati fl-infraskritt kuntratt u kif soggetta ghar-rata ta' cens u subcens annwu u perpetwu ta' tminn xelini llum erbghin centezmi (40c), li kienet giet akkwistata mill-awtur taghhom Carmelo Pirotta b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi fit-22 ta' Ottubru 1936 li gie ezebit mac-citazzjoni b'kopja tal-pjanta annessa mieghu (Dok. F u X);

Illi l-konvenuti jippossjedu s-sit markat numru sitta u hamsin (56) fuq il-pjanta markata Dok A annessa mal-kuntratt ta' akkwist taghhom pubblikat min-Nutar Joseph Henry Saydon fid-19 ta' Settembru 1994 (Dok. G) li huma kienu ghamlu minghand il-kumpanija Holiday Estates Limited;

Illi minn verifiki u studji li saru a bazi tal-kuntratt ta' akkwist ta' Carmelo Pirotta fuq imsemmija (Dok. F u X) u tal-kuntratt ta' akkwist ta' l-imsemmija kumpanija Holiday Estates Limited pubblikat min-Nutar Paul Pullicino fl-4 ta' Lulju 1966 (Dok. H) jirrizulta li meta l-istess kumpanija harget diversi siti, fosthom is-sit numru 56 fuq imsemmi, hija dahlet fil-proprjeta ta' l-atturi kif muri bl-ahdar fil-pjanta annessa

mac-citazzjoni u markata Dok I u illi ghalhekk meta il-konvenuti akkwistaw is-sit numru 56 fuq imsemmi dahlu fil-proprjeta ta' l-atturi kif muri bl-ahmar fil-pjanta annessa mac-citazzjoni u markata Dok. J, liema pjanta hija rizultat ta' survey professjonali ordnat mill-atturi;

Illi meta recentement il-konvenuti bdew jibnu fuq is-sit numru 56 huma bdew jibnu wkoll fuq dik il-parti tieghu li tappartjeni lill-atturi bi pregudizju u hsara evidenti ghalihom u ghalhekk wara l-protest ta' l-10 ta' Awissu 1995 l-atturi ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti (Mandat Numru 2558/95) sabiex jigu inibiti milli jaghmlu x-xoghlijiet fuq imsemmija fuq il-proprjeta` fuq indikata ta' l-atturi,

Prevja, jekk hemm bzonn, dikjarazzjoni li l-konvenuti xtraw hazin, talbu ghalhekk l-atturi lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-atturi huma l-legittimi komproprjetarji tal-parti tas-sit numru sitta u hamsin (56) indikata bl-ahmar fuq il-pjanta fuq imsemmija u markata Dok. J, billi din tifforma parti mill-porzjoni diviza tal-klawsura ta' Ghajn Blad sive Blat akkwistata minn Carmelo Pirotta, awtur ta' l-atturi, bil-kuntratt fuq imsemmi pubblikat min-Nutar Giovanni Azzopardi fit-22 ta' Ottubru 1936;

2. Tinibixxi lill-konvenuti milli jaghmlu jew milli jkomplu jaghmlu xoghlijiet ta' bini jew xoghlijiet ohra fuq il-parti tas-sit numru 56 indikat bl-ahmar fuq il-pjanta fuq imsemmija

markata Dok. J u b'dan il-mod jigi konfermat il-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti inehhu l-istess xoghlijiet li huma ghamlu fuq il-parti markata bl-ahmar fuq l-imsemmija pjanta Dok. J u iqeghdu l-istess parti fl-istat pristinu taghha u dan, okkorrendo, taht id-direzzjoni ta' arkitett u inginier civili li jigi nominat mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenuti li jirrestitwixxu u jirrilaxxjaw lill-atturi l-istess parti tas-sit numru 56 markata bl-ahmar fuq il-pjanta fuq imsemmija markata Dok. J billi okkorrendo jigi nominat Nutar biex jippubblika l-att ta' rilaxx fid-data, hin u lok li tiffissa l-Qorti u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kontumaci fuq l-att, salv d-danni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest fuq imsemmi ta' l-10 ta' Awissu 1995 u dawk tal-mandat ta' inibizzjoni (Mandat numru 2558/95) kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi fiha huma eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti xtraw il-

proprjeta` minghand Holiday Estates Limited wara li saret verifika necessarja u l-art in kwistjoni kienet tappartjeni lill-istess socjeta` venditrici li ghalhekk ghandha tigi kkjamata in kawza sabiex tirrispondi hija ghat-talbiet attrici;

2. Illi ghal kull buon fini kien qieghed jinghad li l-esponenti kienu qeghdin izommu illesi d-drittijiet kollha taghhom, inkluzi dawk ta' rifuzjoni tal-prezz imhallas, imghax dekors fuqhom u danni li qeghdin u ghad jistghu ibaghtu f'kaz li t-talba attrici tigi accettata;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Holiday Estates Limited;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-imsemmija socjeta` kjamata fil-kawza li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi l-art pretiza mill-atturi kienet proprjeta` ta' l-eccipjenti u ma saret ebda invazjoni ta' l-imsemmija billi nxtrat skond il-ligi u f'kull kaz ghandhom jigi kjamati fil-kawza l-proprjetarji precedenti;

2. Illi minghajr preguduzzju l-art in kwistjoni hija illum ta' l-eccipjenti ai termini tal-preskrizzjoni akwisittiva ta' ghaxar snin;

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` kjamata fil-kawza u l-lista ta' xhieda minnha indikati;

Rat is-Sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 1999 relattivament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u mill-imsejha fil-kawza;

Rat ir-rikors tas-socjeta` kjamata fil-kawza pprezentat fl-4 ta' Gunju 1999 (fol 181) fejn esponiet li kienet hassitha aggravata bl-imsemmija decizjoni u talbet il-fakolta u permess sabiex tkun tista' tintavola appell; u d-digiret tal-11 ta' Gunju 1999 fejn din it-talba giet akkolta;

Rat ir-Rikors ta' Appell tas-socjeta` Holiday Estates Limited fejn wara l-esposizzjoni tal-lanjanzi taghha talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza preliminari billi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwisittiva ta' l-istess socjeta' u tichad it-talbiet attrici;

Rat ir-Risposta ta' l-appell ta' l-atturi fejn eccepew in-nullita` ta' l-appell peress li r-

rikors ghall-awtorizzazzjoni ta’ l-appell gie intavolat wara li skada t-terminu stabbilit fil-ligi u peress li kien skada wkoll it-terminu ta’ ghoxrin gurnata prefiss ghall-appell innifsu; l-appellati ghamlu wkoll is-sottomissjonijiet taghhom ghala anki dwar il-meritu tal-kawza l-appell kellu jigi michud u s-sentenza tat-28 ta’ Mejju 1999 konfermata;

Rat ukoll ir-risposta tal-konvenuti Zammit u Caruana fejn ghamlu taghhom l-appell li kien gie intavolat mis-socjeta` kjamata fil-kawza u ghamlu sottomissjonijiet il-ghala l-appell kellu jigi akkolt;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet id-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi fil-konsiderazzjonijiet ta’ dan l-appell din il-Qorti sejra tikkonsidra l-ewwel is-sottomissjonijiet preliminari maghmula mill-appellati;

Illi huma talbu li dan l-appell ghandu jigi konsidrat null peress li kemm ir-rikors ghall-awtorizzazzjoni kif ukoll l-appell fih innifsu gewipprezentati tardivament;

Illi dan appell minn sentenza in parte li inghatat fit-28 ta’ Mejju 1999 u s-socjeta` Holiday Estates

Limited ipprezentat rikors fl-4 ta' Gunju 1999; l-ewwel sottomissjoni preliminari ta' l-appellati kienet bazata fuq dan it-terminu;

Illi l-Artikolu 231 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jittratta dwar appelli f'kaz ta' sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi fl-istess kawza wara li jghid li "*jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mil-jum meta tinghata l-ahhar sentenza*", jistipula inoltre "*Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-Qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt (6) ijiem minn dik is-sentenza.*"

Illi skond il-verbal ta' l-Udjenza tat-28 ta' Mejju 1999 meta inghatat is-sentenza in parte ma rrizultax li saret it-talba verbali imsemmija fic-citat sub-artikolu;

Illi irrizulta wkoll li sebat ijiem wara, is-socjeta` imsejha fil-kawza ipprezentat rikors a tenur ta' l-imsemmi artikolu fejn giet mitluba l-awtorizzazzjoni biex isir appell;

Illi l-kliem tal-ligi huwa car u jistabbilixxi li rikors bhala dak ghandu jigi intavolat fi zmien sitt (6) ijiem mis-sentenza in parte waqt li irrizulta li dak ta' l-appellanti odjerni gie pprezentat wara li dan it-terminu kien skada;

Illi ghalhekk l-appell tas-socjeta` Holiday Estates Limited huwa null u din il-Qorti mhix ser tidhol dwar l-allegata nullita` bazata fuq li gie pprezentat wara l-iskadenza ta' l-ghoxrin (20) gurnata stipulati fl-Artikolu 226(1);

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tichad l-appell tas-socjeta` imsejha fil-kawza u tikkonferma s-sentenza in parte mghotija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 1999, u tirrimetti l-process ghall-kontinwazzjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` Holiday Estates Limited.

Deputat Registratur